MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 481/2005

**Dolmen Complex Ltd.**

**vs**

**Josephine u Carmelo konjuġi DIMECH**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fid-19 ta’ Mejju, 2005, li bih is-soċjeta’ rikorrenti talbet li l-Qorti taqtagħha li l-imħarrkin għandhom iħallsuha s-somma ta’ ħamest elef sitt mija u tmienja u sebgħin lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (Lm5678.75), rappreżentanti l-bilanċ ta’ prezz ta’ servizz ta’ riċeviment tat-tieġ ta’ bint l-imħarrkin, minnhom ordnat u lilhom provdut; u kif ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu tali ammont;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat bil-mezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni lill-intimati li naqsu li

jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hekk baqgħu kontumaċi;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Mejju, 2005, li bih tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi;

Rat ix-xhieda tas-soċjeta' rikorrenti bil-mezz tal-affidavit u provi oħrajn dokumentali;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja tal-intimati tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti fir-rikors u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom li jħallsu s-somma ta' ħamest elef sitt mija u tmienja u sebgħin lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (Lm5678.75) kif fuq imfisser, bl-ispejjeż kontra l-istess intimati u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b'effett mid-29 ta' April, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------